Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,782, 4 ta' Novembru, 1980

Taqsima B

A.L. 91 ta' l-1980

ORDINANZA DWAR IR-REGULAMENT TAT-TRAFFIKU

(KAP. 105)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1948 dwar il-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 24 ta' l-1948

Jemenda r-regolament 113A tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 113A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni preżenti għandha tiġi numerata mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tiegħu, u

(b) minnufih wara l-paragrafu (1) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(2) Ebda persuna ma tista' ssuq vettura bil-mutur li tkun iġġorr xbieki jew vireg tal-ħadid sakemm dawn ma jkunux marbuta b'mod li ma jagħmlux jew x'aktarx ma jagħmlux ħsara lil wiċċ tat-triq.".